# GĦALHEKK INĦOBBOK

*Ta'* V. M. Pellegrini

Inħobbok tfajla mhux għax sbejħa
u twajba,
mhux għax f'għajnejk ileqq
id-dawl tal-ġenna.
inqas għax għandek f'idek
ħlewwa safja
li tmellisli ħaddejja
jew għax b'xufftejk tgħaxxaqni
waqt bewsa bellusija.

Inħobbok għax fi kliemek
hemm il-għaqal,
għax f'moħħok l-għerf tal-ħajja,
għax f'qalbek tidwi l-milja
tal-għerf kburi
li ġie mill-bniedem
f'kotba sbieħ imsawwar,
i int għaraft tisirqu bl-ikbar ħrara.

Għalhekk inħobbok,
għax l-imħabba l-oħra
li tiġi fina minn l-istint ewlieni
int taf tlibbisha
u lili tagħtihieli
imżejna b'kull ma fih il-ġmiel tal-għodwa.